menti nobbli ta' qassis poeta, b'ispirazzjonijiet u fakultajiet għolja ta' poeta kbir—kbir fil-veru sens tal-kelma—qiegħed il-poeżija Maltija fuq pedistall li la l-milja taż-żmien u lanqas l-irwiefen tal-mibegħda u tal-għira ma jistgħu qatt jeqirdu.

Fejn hemm Dun Karm hemm il-poeżija Maltija. Fejn hemm il-poeżija Maltija hemm id-dawl, il-ġmiel u l-kobor tal-ħajja ta' Malta tabilħaqq Maltija.

GUŻE'.

Pub. Borg: **NOTI U TAGHRIF FUQ "RAĠEL BIL-GHAQAL"**, ta' Ġużè Galea. — Lux Press, 1947.

Xogħol żgħir tas-Sur Publju Borg li jiswa ħafna! Jiswa ħafna għal żewġ raġunijiet: l-ewwelnett għax igħin lit-tfal studenti u jħaffilhom l-istudju u t-tieni għax jimla vojt li qed jinħass iktar minn dari — in-nuqqas ta' dizzjunarju. Tabilħaqq, għalkemm għoġbuna d-dettalji li ġabar is-Sur Borg fuq it-Tabib Galea u l-mod kif qassar il-kapitli tat-tliet taqsimiet tar-rumanz irridu ngħidu li l-aħjar biċċa ta' dan il-ktejjeb hija dik lessikali fejn jagħti t-tifsir ta' kliem u għidut li niltaqgħu magħhom fir-**Raġel bil-Għaqal.**

Kemm jiswa xogħol bħal dan għall-istudju nistgħu narawh mit-tifsir tal-kliem tekniku tal-baħar fil-biċċa tal-furbani. Mingħajr it-tifsir meħtieġ, dejjem wieħed jitlef xi ftit mill-gost tal-qari.

Lis-Sur Borg nagħmlulu l-qalb biex jagħtina xogħlijiet oħra ta' din ix-xorta u miegħu nħeġġu għal dan ix-xogħol is-surmastrijiet l-oħra tal-Malti sew fl-iskejjel tal-Gvern kemm fl-oħrajn privati.

G.C.P.

---

## IL-KUMITAT TAL-GHAQDA "BAJDA-U-HAMRA" GHAS-SENA 1947

Il-Kumitat tal-Għaqda "Bajda-u-Ħamra", li sejjer imexxi l-Konkors Teatrali għas-sena 1947, ġie maħtur hekk:—

President Onor. għal għomru: Joseph Calleja (Hollywood).
President: Alf. Nicholas.
Segretarju: N. Biancardi.
Kaxxier: V. Cauchi.
Ċensur: Il-Prof. Patri P. Tabone, O.F.M.
Direttur Ġenerali tal-Palk: J.E. Busuttil.
Membri: Mary Xiberras-Biancardi, Vellina Bonnici, Jos. Borg, John Cachia-Soler.

Eżaminaturi għall-Konkors 1947: Prof. Ġ. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.); Dr. A.F. Colombo, B.Sc., M.D.; Erin Serracino-Inglott.

*Ignoratio Scripturarum ignoratio Christi est.* (S. Ġilormu).

Il-Bibbja hi kelmet Alla miktuba, hija l-Ittra mibgħuta lilna mill-Mulej. Fiha nsibu l-Veritajiet Eterni biex nitqaddsu u nitwieldu f'Alla. Fiha aħna nagħirfu l-Feddej Ġesù Kristu; fiha nagħirfu l-Knisja; fiha nagħirfu dmirijietna; fiha nagħirfu riedet Alla... Iżda...

Kelmet Alla nkitbet darba f'ilsien wieħed miftiehem biss dak iż-żmien minn nies li fosthom kienu jgħixu l-Kittieba Mqaddsa. Għalhekk ħtieġ li jinqalbu f'bosta ilsna biex jiftiehmu minn kulħadd... Aħna l-Maltin ma-dankollu qatt ma stajna naqraw il-Bibbja fi lsienna qabel ftit tas-snin ilu fi traduzzjonijiet ta' dilettanti mil-Latin.

Issa, il-W. R. Mons. Prof. P.P. SAYDON, B.Lit., B.L.Can., D.D., Lic. S.S., qiegħed jaqleb fil-Malti l-**KOTBA MQADDSA** kollha dritt mill-ilsna oriġinali b'sabar u għaqal liema bħalu... xogħol tqil ħafna. S'issa dan ix-xogħol mexa bil-mod ħtija tan-nuqqas ta' inkoraġġiment mill-pubbliku, għalhekk issa jekk jogħġobkom tridu tabbonaw u tibdew tieħdu kull ktieb li joħroġ avżaw fl-indirizz ta' hawn taħt.

Biċċa xogħol bħal din ta' ħtieġa liema bħalha ma għandhiex tintilef!...

"*Min ma jafx il-Kotba Mqaddsa ma jafx 'il Kristu*" (S. Ġilormu).

Kull familja Maltija jmissha tikseb kopja ta' dan il-ktieb imqaddes u biex tkun żgur li ma tibqax mingħajr, għandha tikteb lill-

**"GHAQDA TA' QARI TAJJEB",**

(BIBBJA)

**IS-SEMINARJU — IL-FURJANA.**